



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Settembru 2019
(OR. en)

12140/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0217(COD)

AGRI 438
AGRIFIN 52
FIN 572

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 04/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Għalkemm sar titjib fis-sistema ta' kontroll għal prodotti organiċi, għad fadal ċerti sfidi" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Settembru 2019)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Rapport Speċjali Nru 04/2019: "Għalkemm sar titjib fis-sistema ta' kontroll għal prodotti organiċi, għad fadal ċerti sfidi"

adottati mill-Kunsill fit-3712-il laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Settembru 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-
KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 04/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu:

"Għalkemm sar titjib fis-sistema ta' kontroll għal prodotti organiċi, għad fadal ċerti sfidi"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 04/2019 tal-Qorti dwar "Għalkemm sar titjib fis-sistema ta' kontroll għal prodotti organiċi, għad fadal ċerti sfidi", li jsegwu fuq ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 9/2012 dwar "Verifika tas- sistema ta' kontroll li tirregola l- produzzjoni, l- ipproċessar, id- distribuzzjoni u l- importazzjoni ta' prodotti organiċi";
2. JINNOTA s-sejba ġenerali tal-Qorti li s-sistema ta' kontroll għall-prodotti organiċi fl-UE tgiebet f'dawn l-aħħar snin iżda tista' tittieħed aktar azzjoni dwar id-dgħufijiet li fadal;
3. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, li huma lkoll indirizzati lill-Kummissjoni, u JINNOTA wkoll li l-Kummissjoni taċċetta dawn ir-rakkomandazzjonijiet kollha fl-intier tagħhom u segwiet jew ser issegwi b'mod xieraq dawn ir-rakkomandazzjonijiet, kif stabbilit fit-tweġibiet tal-Kummissjoni inklużi fir-rapport speċjali;
4. IFAKKAR li r-Regolament Organiku l-ġdid, li jidħol fis-seħħ fl-2021, jipprevedi l-ispeċifikazzjoni ta' arranġamenti uniformi fir-rigward ta' nuqqasijiet ta' konformità suspettati jew stabbiliti; JISTIENEN lill-Kummissjoni toħroġ gwida dwar l-abbozzar ta' katalgi nazzjonali ta' miżuri f'dan ir-rigward aktar milli tipproponi armonizzazzjoni sħiħa f'dan il-qasam;
5. JEMMEN li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jżidu l-isforzi biex itejbu s-sistemi ta' kontroll għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi, b'mod partikolari fir-rigward tat-twettiq ta' kontrolli mill-korpi ta' kontroll fuq l-importaturi.